ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IS-SEBA' SENA IL-MALTI (L-ORALI) IL-ĦIN: 10 minuti

IL-KARTA TAL-ISTUDENT (KARTA 3)

3A: Il-Qari Mgħajjat 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra parti minn din is-silta. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.

Is-silta: Fuq tal-Linja

Laura, tifla ta' xi għaxar snin, kienet fuq il-karozza tal-linja sejra lejn il-Furjana. Il-karozza kienet kważi mimlija u kien hemm il-passiġġieri bilwieqfa fil-passaġġ. Iżda billi Laura kienet rikbet mill-venda kellha post bilqiegħda. Maġenbha, fuq in-naħa ta' ġewwa, kien hemm mara pulita ta' bixra tassew dħulija.

Ftit wara, il-karozza waqfet fuq stejġ u fost dawk li telgħu kien hemm raġel xwejjaħ li mid-dehra tiegħu ma kienx bogħod wisq mis-sebgħin. Kien magħlub u xi ftit milwi u kellu bastun f'idu. Kien jidher dgħajjef fuq riġlejh iżda post fejn ipoġġi bilqiegħda ma kienx hemm.

Is-sinjura biliqiegħda maġenb Laura ħatfet l-okkażjoni biex taqbad diskursata magħha. "Ara, sabiħa," qaltilha bil-ħlewwa, "dak ir-raġel xwejjaħ jidher li qiegħed ibati bilwieqfa. X'taħseb kieku ċċedilu postok, miskin?"

Laura nħasdet. "Mhuwiex ibati wisq għax qed iserraħ mal-bastun", wieġbet.

"Anke jekk għalik mhuwiex ibati. L-edukazzjoni hekk titlob."

"Imma jien ħallast daqsu", kompliet Laura, "u tlajt qablu fil-karozza u għandi dritt noqgħod bilqiegħda!"

"Qiegħda tirraġuna ħażin, binti," qaltilha s-sinjura. "Din mhix kwistjoni ta' dritt iżda ta' manjieri tajba u karità...Ippermettili ftit ħalli nqumlu jien."

(silta meħuda u addattata minn *Stejjer għad-Diskussjoni* ta' Carmel G. Cauchi)

3B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni mal-eżaminatur. Tista' tikkwota mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Taħseb li Laura wriet nuqqas ta' karità lejn ix-xwejjaħ? Għaliex?
2. Taħseb li t-tifla kienet qiegħda tirraġuna tajjeb meta qalet li hi kellha dritt toqgħod bilqiegħda għax ħallset bħalu u telgħet qablu?
3. Jidhirlek li s-sinjura kienet qiegħda tindaħal fejn ma jesagħhiex?
4. Tista' ssemmi xi mod ieħor kif għandna nagħtu għajnuna lill-proxxmu?

3Ċ: It-Taħdit 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

*Mal-eżaminatur ser tiddiskuti titlu **wieħed** minn dawn t'hawn isfel. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskursata. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-ħsibijiet tiegħek. L-istampi jistgħu jgħinuk ukoll. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.*

Agħżel titlu bejn **A jew B.**

A. L-Importanza tal-Manjieri

JEW

B. Il-Bżonn li Ngħinu lil Xulxin

PAĠNA VOJTA